32004L0116

24.12.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 379/81

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2004/116/KE

## tat-23 ta' Diċembru 2004

## li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE rigward l-inklużjoni tal-*Candida guilliermondii.*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE dwar ċerti prodotti użati fin-nutrizzjoni ta' l-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ġiet preżentata għal *Candida guilliermondii*, ikkultivata fuq is-sustrat ta' oriġini veġetali, li tappartjeni lill-grupp ta' prodotti "1.2.1. ħmira kkultivata fuq is-sustrat ta' oriġini ta' l-annimali jew veġetali" stipulata fl-Anness tad-Direttiva 82/471/KEE. Dan l-għalf huwa prodott mikrobiku bażat fuq iċ-ċelluli li jibqgħu wara l-produzzjoni industrijali ta' aċidu ċitriku bil-fermentazzjoni.

(2) Il-Bord Xjentifku dwar additivi u prodotti jew sustanzi użati fl-għalf ta' l-annimali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tat opinjoni dwar l-użu ta' dan il-prodott fl-għalf tal-bhejjem fis-7 ta' Ġunju 2004, li jikkonkludi li l-użu tal-*Candida guilliermondii* kkultivata fuq sustratt ta' oriġini veġetali (ġulepp tal-kannamiela) ma jippreżentax riskju għas-saħħa tal-bniedem, saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent.

(3) L-istima tat-talba għall-awtorizzazzjoni preżentata għall-*Candida guilliermondii* kultivata fuq sustrati ta' oriġini veġetali turi li dan il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 82/471/KEE, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness.

(4) Id-Direttiva 82/471/KEE għandha għalhekk tkun emendata kif xieraq.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Direttiva 82/471/KE hija emendata kif stipulata fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri ser iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jirrispettaw din id-Direttiva sa [niżżel id-data 6 xhur wara d-daħla fis-seħħ] l-aktar tard. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni it-test ta' dawn il-dispożizzjonijiet u l-lista tal-korrelazzjonijiet bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn irid ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri nnifishom se jiddeċiedu kif se ssir din it-tip ta' referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw għall-qasam li jmiss ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, nhar it-23 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 213, 21.7.1982, p. 8. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/104/KE (ĠU L 295, 13.11.2003, p. 83).

*ANNESS*

Fl-Anness tad-Direttiva 82/471/KEE tal-grupp ta' prodott 1.2.1. huwa mibdul b'li ġej:

| "Isem tal-grupp ta' prodott | Isem tal-prodott. | Deżinjazzjoni tal-prinċipji nutrittivi jew l-identità tal-mikro-organiżmu | Koltura ta' sustratt (identifikazzjonijiet, jekk hemm) | Karatteristiċi ta' kompożizzjoni tal-prodott | Speċji ta' l-annimali | Dispożizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.2.1 Ħmira kkultivata fuq is-sustrat ta' oriġini ta' l-annimali jew veġetali | Il-ħmira kollha<br>— Miksuba mill-mikroorganiżmi u sustrati elenkati fil-kolonni 3 u 4 rispettivament<br>— iċ-ċelluli ta' liema ġew meqruda | Saccharomyces cerevisiae<br>Saccharomyces carlsbergiensis<br>Kluyveromyces lactis<br>Kluyveromyces fragilis | Ġulepp, residwi ta' distillazzjoni, ċereali u prodotti li fihom lamtu, meraq tal-frott, xorrox, aċidu lattiku u fibra tal-ħxejjex idrolizzat | | Speċji ta' l-annimali kollha | |
| | | Candida guilliermondii | Ġulepp, residwi ta' distillazzjoni, ċereali u prodotti li fihom lamtu, meraq tal-frott, xorrox, aċidu lattiku u fibra tal-ħxejjex idrolizzat | Materja niexfa minimu ta' 16% | Ħnieżer biex jismnu" | |